**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 11 TA' DICEMBRU 2001

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1377/01 AE**

**Alfsons Enterprises Limited**

**vs**

**Carmelo Gauci Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sebgha mija u erbgha u erbghin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm744.19) prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lis-socjeta konvenuta.

Ra n-nota li giet prezentata mis-socjeta attrici u li permezz taghha rrinunzjat ghat-talba taghha stante hlas, b'dan li rrizervat il-kap ta' l-ispejjez u hlas ta' imghax.

Ra li s-socjeta konvenuta ghalkemm notifikata bl-avviz tat-talba baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret fis-seduti.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq premessi t-Tribunal filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tat-talba tas-socjeta attrici ghall-hlas tas-somma ta' sebgha mija u erbgha u erbghin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm744.19), qieghed jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas l-imghax b'sehh mis-16 ta' Dicembru 2000.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) kollha huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**